**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

5 ta' Diċembru, 2021

# MIN HU ĠESÙ BAMBIN?

L-awtur Andrea Tornielli kiteb ktieb fuq it-tfajjel Ġesù. Minn din il-kitba se nislet xi affarijiet li nistgħu nirriflettu u nitolbu fuqhom f'dawn il-jiem tal-Avvent. Ħafna minnkom diġà għamlu presepju sabiħ fid-djar tagħkom. Se nissuġġerixxi siltiet x'taqraw u timmeditaw quddiem il-grotta.



a. L-ewwel Insara bdew jagħmlu mistoqsijiet fuq kif twieled Ġesù. San Mattew u San Luqa jagħtu ftit tagħrif fuq it-twelid u t-tfulija ta' Ġesù. Mattew jagħti importanza lil Ġużeppi filwaqt li San Luqa jagħti importanza lil Marija. (Mt1:18-34; Lq1:26-38)

b. San Mattew u San Luqa jsemmu li Ġesù hu mnissel minn David min-naħa ta' Ġużeppi. Xi wħud għarfu li Marija nisslet bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Uħud emmnu min hu Ġesù. Oħrajn tfixklu u fost dawn kien hemm Erodi (Mt2:13-18).

ċ. San Mattew jagħtina l-arblu tar-razza ta' Ġesù. Fl-arblu tar-razza ta' Ġesù nsibu li huwa kellu antenati kbar u żgħar u xi wħud kienu anke midinbin. Dan jurina li Ġesù huwa iben l-istorja tal-bnedmin (Mt1:1-17).

d. San Mattew u San Luqa jippreżentaw lil Ġesù tarbija dipedenti fuq ommu u missieru. U kien tifel ubbidjenti (Lq2:41-52).

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻI:**

**KONTINWAZZJONI TAL-LAQGĦAT TAL-PJAN PASTORALI:**

**Fis-7 ta' Diċembru 2021, fis-19:00** fil-Knisja Parrokkjali mistiedna għal-laqgħa: Il-membri kollha fil-Kumitat Festi Esterni, il-membri kollha tal-Armar, Nar, Kummissjoni Żgħażagħ Mnarja u l-kumitat u membri tal-Banda Mnarja.

**Fl-10 ta' Diċembru 2021, fis-19:00** fil-Knisja Parrokkjali: Membri fil-grupp tal-Fundraising tal-Parroċċa, Servizz Turisti (Mużew Marittimu), membri fil-Kumitat Parrokkjali għall-finanzi u Manutenzjoni tal-Patrimonju.

**BOOKING TAL-QUDDIES:** minn Jannar sa Ġunju 2022 jiftaħ nhar it-Tnejn 6 ta' Diċembru. Il-ħlas isir mal-booking.

***IL-LEĦEN*:** dawk li jixtiequ jġeddu l-abbonament ta' *Il-Leħen* għas-sena 2022 jagħmlu dan fl-Uffiċċju Parrokkjali u nitolbuhom iġibu magħhom il-formola li hemm printjata f'*Il-Leħen* stess.

**SANTA TEREŻA:** Nhar il-Ħadd li għadda tbierket il-qanpiena "Santa Tereża" li issa se tittella' fil-kampnar żgħir fuq il-kappella dedikata lill-qaddisa ta' Kalkutta. Il-qanpiena ġiet tiswa €3,864 (inkluża l-VAT). Għall-qanpiena nġabru €1,130 u kien hemm persuna li ħallset nofs il-qanpiena, jiġifieri €1,932. Grazzi lil kulħadd!

**GĦANDEK BŻONN CARER ID-DAR?:** Fil-parroċċa għandna waħda li toffri servizzi ta' carer fid-dar tagħkom stess. Għal aktar informazzjoni ejjew l-Uffiċċju Parrokkjali u kellmu lill-Arċipriet.

**IN-NADUR TEEN & YOUTH CENTRE:** jirringrazzja lill-benefatturi kollha li għenuhom fil-fundraising tal-Milied, Merry & Bright, b'mod speċjali lil dawk li ħadmu l-pies, lil dawk li ġabulhom l-ingredjenti u lil Grech's Bakery talli sajrulhom il-pies. Għal dawk id-dilettanti tat-tisjir, javżaw li fadlilhom xi ftit mincemeat għall-bejgħ ukoll. Grazzi.

**IMPORTANTI TKUN TAF:** in-numru tat-telefon il-ġdid tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex huwa 2344 6000.

### IS-SIĠRA TAL-KARITÀ

Ser terġa' tiġi armata dalwaqt fil-knisja. Din is-sena wkoll, ser inkunu qed ngħinu diversi entitajiet li għandhom bżonn l-għajnuna tagħna. Inħeġġukom tipparteċipaw u ġġibu l-oġġetti li jkunu miktuba fuq il-karti tas-siġra.



### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am